Nru. 18,078
Prezz/Price
Lm1.60 (€3.73)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju, 2007
Friday, 18th May, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 461

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħamis, is-17 ta' Mejju, 2007, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-17 ta' Mejju, 2007
(OPM 31/2007)

Nru. 462

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-18 ta' Mejju, 2007
(File No. L1164/67/III)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tad-29 ta' Awissu 1969, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Settembru 1969, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 763, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità

GOVERNMENT NOTICES

No. 461

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Thursday, 17th May, 2007, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

17th May, 2007

No. 462

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

18th May, 2007

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the Governor General dated 29th August 1969, published in the Government Gazette of the 19th September, 1969 under Government Notice No. 763, the Governor General had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in

kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Bulebel limiti taż-Żejtun:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 31,786 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lbiċ ma' Triq Bormla.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta P.D. 151_69_1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din id-dikjarazzjoni qed tissostitwixxi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 382 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Mejju 2006.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Is-27 ta' April, 2007

accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Bulebel limits of Żejtun:

1. A plot of land of the area of about 31,786 square metres, bounded on the North West and on the South by Government property and on the South West by Triq Bormla.

The abovementioned land is shown marked in colour red on plan P.D. 151_69_1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This declaration is substituting Government Notice No. 382 published in the Government Gazette of the 2nd May 2006.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

27th April, 2007

Nru. 463

NOMINA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti *(Strategy and Operations)* approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 463

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary (Strategy and Operations) has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	20-22.05.07

It-18 ta' Mejju, 2007

18th May, 2007

Nru. 464

ELEZZJONI TA' SINDKU U DEPUTAT SINDKU

BIS-SAĦĦA ta' l-I*standing Order* 4 tas-Seba' Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), fis-seduta tal-Kunsill Lokali tal-Munxar li saret fl-4 ta' April 2007, is-Sur Joseph Sultana ġie elett Sindku u s-Sur Saviour Spiteri ġie elett Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 464

ELECTION OF MAYOR AND DEPUTY MAYOR

IN accordance with Standing Order 4 of the Seventh Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), at the Munxar Local Council meeting held on the 4th April 2007, Mr Joseph Sultana was elected Mayor and Mr Saviour Spiteri was elected Deputy Mayor of Munxar Local Council.

18th May, 2007

Nru. 465

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Avviż ta' Applikazzjonijiet li għandhom bżonn stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

Sit f'Ta' Għadajma, limiti ta' l-Imqabba	PA 3984/03	Proposta sabiex jiġu sanzjonati barriera tal-franka u mħażen Is-Sur Nikola Farrugia
Site at Ta' Għadajma, l/o Mqabba	*PA 3984/03*	*To sanction soft stone quarry and stores* *Mr Nikola Farrugia*

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 465

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and include the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta

18th May, 2007

Nru. 466

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering.

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 466

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Sunday, 10th June 2007, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Corinthia Event Catering.

18th May, 2007

Nru. 467

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Erbgħa, it-13 ta' Ġunju 2007, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering.

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 467

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Wednesday, 13th June 2007, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Corinthia Event Catering.

18th May, 2007

Nru. 468

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, l-14 ta' Ġunju 2007, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Living Waters Mission Team.

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 468

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 14th June 2007, from 4.00 p.m. onwards, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public and will be under the control of the Living Waters Mission Team.

18th May, 2007

Nru. 469

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
153	"Mina & Milva Flats" Triq is-Sirena l-Isla	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	15/03/2007

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-18 ta' Mejju, 2007

No. 469

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

18th May, 2007

Nru. 470

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 470

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11. 05. 07	Lm6.91.9 (€16.11,6)	Lm0.14.4 (€0.33,5)
14. 05. 07	Lm6.93.6 (€16.15,6)	Lm0.14.6 (€0.34,0)
15. 05. 07	Lm6.89.8 (€16.06,7)	Lm0.14.5 (€0.33,7)
16. 05. 07	Lm6.89.9 (€16.07,0)	Lm0.14.5 (€0.33,8)
17. 05. 07	Lm6.82.7 (€15.90,2)	Lm0.14.2 (€0.33,1)

It-18 ta' Mejju, 2007

18th May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 40

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Minn nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ġunju 2007 sa nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Markiż Scicluna u Pjazza Ċelsi.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Mejju, 2007

POLICE NOTICE

No. 40

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Naxxar

From Thursday, 28th June 2007 till Sunday, 8th July 2007, from 4.00 p.m. till midnight through Triq il-Markiż Scicluna and Pjazza Ċelsi.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

18th May, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 41

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Burmarrad

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 2007 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl Milqi, Patri Wistin Magro, Magħsar u Burmarrad.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Ġunju 2007 bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: is-Sardin, naħa waħda ta' Burmarrad, Burmarrad minn Panorama Bar sal-Premier Centre (in-naħa tal-Knisja tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija se ssir b'żewġ karreġjati u se tintuża miż-żewġ naħat).

It-18 ta' Mejju, 2007

POLICE NOTICE

No. 41

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Burmarrad

On Sunday, 10th June 2007 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: San Pawl Milqi, Patri Wistin Magro, Magħsar and Burmarrad.

On Saturday, 16th June 2007 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: is-Sardin, one side of Burmarrad, Burmarrad from Panorama Bar up to the Premier Centre (the side of the Church of Qalb bla Tebgħa ta' Marija is to be diverted into dual carriage way to be used by both lanes).

18th May, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 21 ta' l-2007

Survey Siżmiku fil-Baħar qrib ix-Xatt ta' Malta

Il-bastiment irreġistrat Malta 'M/V Geomariner' se jmexxi *survey* siżmiku fil-baħar qrib ix-xatt ta' Malta. Il-bastiment għandu jkun fuq il-post fit-22 ta' Mejju 2007 u se jibqa' fl-inħawi tas-*survey* għal perjodu ta' madwar 21 ġurnata.

L-inħawi tas-*survey* jinsabu madwar:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
34° 30' and 35° 07'	14' 30° and 15° 10'

Il-bastiment se jkun jirmonka *cable* twila 8km.

Il-baħħara huma mitluba biex joqogħdu attenti għal dan u jżommu 'l bogħod mill-bastiment meta jilmħuh.

It-18 ta' Mejju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 21 of 2007

Seismic Survey Offshore Malta

The Maltese registered vessel 'M/V Geomariner' will be conducting a seismic survey offshore Malta. The vessel is expected to be on location on 22nd May 2007 and will remain in the survey area for a period of approximately 21 days.

The survey area lies approximately within:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
34° 30' and 35° 07'	14' 30° and 15° 10'

The vessel will be towing a cable 8km long.

Mariners are requested to note the above and give this vessel a wide berth when sighted.

18th May, 2007

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Elezzjonijiet għall-Kumitat ta' l-Appelli

Nominazzjonijiet ta' Kandidati

Ngħarrfu b'din li, għall-finijiet tar-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli, in-nominazzjonijiet ta' kandidat/i biex jimtela post ta' infermier/a reġistrat/a JEW qabla liċenzata bħala membru tal-Kumitat ta' l-Appelli skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa se jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel fl-uffiċċju tar-Reġistratur tal-Kunsill, f'181, Triq Melita, Valletta nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju u l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 2007 bejn id-9.00 a.m u nofsinhar.

Il-formoli tan-nominazzjoni għall-kandidati jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Reġistratur tal-Kunsill f'Malta bejn il-21 ta' Mejju 2007 u 1 ta' Ġunju 2007 bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Mario Attard
Maria Cutajar
Joe Galea
Kummissjonarji Elettorali

It-18 ta' Mejju, 2007

HEALTHCARE PROFESSIONS ACT,
(CAP. 464)

Elections for the Council for Nurses and Midwives

Nominations of Candidates

It is hereby notified that, for the purpose of Regulations 4 of the Appeals Committee (Elections) Regulations 2004, the nomination/s of candidate/s to fill the post of one registered nurse OR one licensed midwife as member of the Appeals Committee, in accordance with the provisions of Section 49 of the Health Care Professions Act will be received by the Registrar of the Council for Nurses and Midwives, at the Council's Registrar office, 181, Triq Melita, Valletta, on, Tuesday 5th June and Wednesday 6th June 2007 between 9.00 a.m. and noon.

The nomination forms for candidates are obtainable from the Council's Registrar Office in Malta from the 21st May till 1st June 2007 between 9.00 a.m. to noon.

Mario Attard
Maria Cutajar
Joe Galea
Electoral Commissioners

18th May, 2007

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa ta' Lm35,250,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007 (III)

Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 6 tad-Direttivi mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm10,000,000 bil-5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007(III) taħt l-Avviż Legali Nru. 85 tat-12 ta' Mejju 2000, paragrafu 5 għall-ħruġ ta' Lm10,000,000 bil-5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007(III) taħt Avviż Legali Nru. 118 ta' l-24 ta' Mejju 2002 u paragrafu 5 għall-ħruġ ta' Lm15,250,000 bil-5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2007(III) taħt Avviż Legali Nru. 266 tas-17 ta' Settembru 2002, l-*Accountant General* jgħarraf li l-I*stock* imsemmi hawn fuq se jinfeda fl-10 ta' Ġunju, 2007. L-imgħax dovut mill-11 ta' Diċembru, 2006 sal-10 ta' Ġunju, 2007 jitħallas fl-10 ta' Ġunju, 2007.

It-18 ta' Mejju, 2007

TREASURY NOTICE

Redemption of Lm35,250,000 5.6% Malta Government Stock 2007 (III)

Pursuant to and for the purposes of paragraph 6 of the Directives by the Minister of Finance for the issue of Lm10,000,000 5.6% Malta Government Stock 2007(III) under Legal Notice No. 85 dated 12th May 2000, paragraph 5 for the issue of Lm 10,000,000 5.6% Malta Government Stock 2007(III) under Legal Notice No. 118 dated 24th May 2002 and paragraph 5 for the issue of Lm 15,250,000 5.6% Malta Government Stock 2007(III) under Legal Notice No. 266 dated 17th September 2002, the Accountant General confirms that the captioned Stock will be redeemed on the 10th June 2007. Interest due from the 11th December 2006 to the 10th June 2007, will be paid on the 10th June, 2007.

18th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Principal Scientific Officer*
fid-Diviżjoni għall-Kummerċ
tal-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Scientific Officer* fl-*Industrial Property Registrations Directorate* tad-Diviżjoni għall-Kummerċ, fi ħdan il-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni.

2. Il-post ta' *Principal Scientific Officer* għandu salarju ta' Lm7,402 (€17,242.02) fis-sena, li jiżdied b'Lm256 (€596.32) fis-sena sa massimu ta' Lm8,938 (€20,819.94) (Skala ta' Salarju 6).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Principal Scientific Officer* jinkludu li:

a) tgħin fil-proviżjoni ta' direzzjoni strateġika fix-xogħol kollu xjentifiku relatat ma' *patents* u disinji industrijali;

b) tipprovdi gwida u assistenza lill-uffiċjali fid-Diviżjoni/ Direttorat fuq suġġetti relatati mal-*Intellectual Property;*

ċ) tipparteċipa attivament fi proġetti relatati ma' *Intellectual Property* li d-Diviżjoni/ Direttorat jista' jkun involut fihom;

d) tipparteċipa b'mod proattiv f'laqgħat internazzjonali u reġjonali fuq *Intellectual Property;*

e) tmexxi lis-*Scientific Officers* u l-uffiċjali oħra li jaħdmu fis-Sezzjoni tal-*Patents* u Disinji Industrijali billi jiġu segwiti żviluppi fl-ambitu internazzjonali, reġjonali u lokali, u jiġu mplimentati tibdiliet u proċeduri neċessarji sabiex jintlaħqu d-dmirijiet u proċeduri mistennija f'dan il-qasam ta' xogħol;

f) tassigura li l-applikazzjonijiet ta' *patents* u disinji industrijali jiġu proċessati b'effiċjenza filwaqt li tittieħed l-azzjoni meħtieġa sabiex dan jiġi mwettaq;

g) tgħin fit-tfassil ta' *business plans*, *budgets* u rapporti oħra relatati mal-*patents* u disinji industrijali;

h) tassigura li jinżammu *records* u dokumenti neċessarji li huma relatati mal-*Intellectual Property*, b'mod speċjali fil-qasam tal-*patents* u disinji industrijali

4.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet li huma konnessi ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mingħand id-Direttur, *Industrial Property Registrations*, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Principal Scientific Officer in the
Commerce Division of the Ministry
for Competitiveness and Communications**

The Public Service Commission invites applications for the post of Principal Scientific Officer at the Industrial Property Registrations Directorate within the Commerce Division of the Ministry for Competitiveness and Communications.

2. The salary for the post of Principal Scientific Officer is Lm7,402 (€17,242.02) per annum rising by annual increments of Lm256 (€596.32) up to a maximum of Lm8,938 (€20,819.94) (Salary Scale 6).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Competitiveness and Communications in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4.1 The duties of a Principal Scientific Officer include:

a) assisting in providing strategic direction in all scientific work related to patents and industrial designs;

b) providing guidance and assistance to other officers within the Division/Directorate on matters relating to intellectual property;

c) actively participating in various projects that may be undertaken by the Division/Directorate in relation to intellectual property;

d) pro-actively participating in international and regional meetings on intellectual property;

e) managing the Scientific Officers and the other staff working within the Patents and Industrial Designs Unit by closely following relevant developments in the international, regional and local fields, and implementing the necessary changes in order to meet work requirements;

f) ensuring the smooth and efficient processing of patent and industrial design applications, and undertaking any tasks that may be required in this regard;

g) providing support in the drawing up of business plans, budgets and other related reports with particular emphasis on patents and industrial designs;

h) ensuring the keeping of necessary records and documents relating to intellectual property, particularly in the area of patents and industrial designs

4.2 Further details relative to the description of the post may be obtained from the Director, Industrial Property Registrations, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

5. L-applikanti għandhom ikunu:-

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) (i) Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' *Senior Scientific Officer;*

jew

(ii) Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' *Scientific Officer* li għandhom mill-anqas ħames (5) snin prattika xierqa jew erba' (4) snin jekk għandhom kwalifika *postgraduate* xierqa;

jew

(iii) Persuni li għandhom kwalifika *postgraduate* ogħla xierqa (eżempju Ph.D. jew kwalifika oħra kumparabbli);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma Uffiċjali Pubbliċi għandhom jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġjonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet ndaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post.

5. Applicants must be: -

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a) (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (a) (ii), (iii), and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) (i) Public Officers in the grade of Senior Scientific Officer;

or

(ii) Public Officers in the grade of Scientific Officer and having at least five years appropriate practice, or four years if in possession of an appropriate postgraduate qualification;

or

(iii) Persons in possession of an appropriate higher postgraduate qualification (e.g. Ph.D. or comparable);

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for

Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNDP.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

8.3 Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10. tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Commerce Division, Lascaris, Valletta.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2123 1919.

12. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sa l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Kummerċ fi żmien sebat (7) ijiem.

It-18 ta' Mejju, 2007

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta

10. Applications together with a *Curriculum Vitae* indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta, by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Commerce Division, Lascaris, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2123 1919.

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Commerce Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Commerce Division within seven (7) days.

18th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Legali Anzjan
fil-*Projects and Development Co-Ordination Unit*
fil-Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjali Legali Anzjan fil-*Projects Development and Co-ordination Unit* tal-Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq.

2.1 Il-post ta' Uffiċjal Legali Anzjan għandu salarju ta' Lm7,402 (€17,242.02) fis-sena, li jiżdied b'Lm256 (€596.32) fis-sena sa massimu ta' Lm8,938 (€20,819.94) (Skala ta' Salarju 6).

2.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Legal Officer
in the Projects Development and Co-Ordination Unit,
Ministry for Urban Development and Roads

The Public Service Commission invites applications for the post of Senior Legal Officer in the Projects Development and Co-ordination Unit of the Ministry for Urban Development and Roads.

2.1 The salary for the post of Senior Legal Officer is Lm7,402 (€17,242.02) per annum, rising by annual increments of Lm256 (€596.32) up to a maximum of Lm8,938 (€20,819.94) (Salary Scale 6).

2.2 The appointee will be entitled to such other benefits

oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra li jiġu stabbiliti bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3. Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-*Projects Development and Co-ordination Unit* tal-Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna nominata ma titħalliex teżerċita l-professjoni tagħha privatament.

5. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali Anzjan tkun normalment responsabbli lejn il-Kap, *Projects Development and Co-ordination Unit* u lejn is-Segretarju Permanenti, u/jew uffiċjali anzjani oħra, skond kif meħtieġ. Id-dmirijiet ewlenin tagħha jinkludu dan li ġej:

(a) Taġixxi bħala konsulent legali tal-*Unit* u tal-Ministeru, skond il-ħtieġa;

(b) Tagħti pariri legali awtorevoli fuq il-proposti, programmi u inizjattivi, inklużi l-kitba ta' abbozzi ta' liġijiet u l-aġġornar ta' leġiżlazzjoni, kif ukoll tirrevedi *policy issues* relevanti;

(ċ) Tagħti pariri lill-Kap, *Projects Development and Co-ordination Unit* dwar l-implikazzjonijiet potenzjali (i) ta' liġijiet u regolamenti ġodda jew proposti u (ii) ta' tibdil f'dawk diġà eżistenti;

(d) Tmexxi xogħol ta' riċerka, tagħmel analiżi, tikteb rapporti u tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-fomm jew bil-kitba skond kif ikun meħtieġ minnha;

(e) Tibni *database* ta' rapportaġġ li tinkludi rekord ta' l-obbligi kollha ta' rapportaġġ kollu illi għandu l-Ministeru *vis-a-vis* dawk l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea bbażati fuq l-*acquis* li hu responsabbli għalihom il-Ministeru u bħalma joriġinaw mill-Konvenzjonijiet, eċċ, li jaqgħu taħt ir-risponsabbiltà tal-Ministeru;

(f) Tfassil ta' kuntratti u/jew ftehim ma' terzi persuni in konnessjoni ma' l-iżvilupp ta' proġetti ewlenija minn terzi persuni;

(g) Kwalunkwe xogħol ieħor li jista' jiġi assenjat mill-Kap tal-*Projects Development and Co-ordination Unit* u mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Żvilupp Urban u Toroq.

6. L-applikanti għandhom:

and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between Government and the competent Unions.

3. The appointment which is subject to a probationary period of one (1) year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Projects Development and Co-ordination Unit of the Ministry for Urban Development and Roads in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The appointee will not be allowed to undertake private practice of his/her profession.

5. The Senior Legal Officer will normally be required to report to the Head Projects Development and Co-ordination Unit and to the Permanent Secretary, or to other senior officials, as necessary. The Officer's main duties shall include the following:

(a) Acting as legal adviser to the Directorate and the Ministry, as may be required;

(b) Providing authoritative legal advice on proposals, programmes and initiatives, including drafting of laws, updating of legislation, and the review of relevant policy issues;

(c) Advising the Head Projects Development and Co-ordination Unit on the potential implications of proposed/new laws, regulations or changes to those already in existence;

(d) Leading research work, perform analyses, draw up reports and make oral and written representations as may be required in his/her field of work;

(e) Building up a reporting database which includes a record of all reporting obligations which the Ministry has vis-à-vis EU institutions based on the *acquis* for which it is responsible, and as originating from Conventions, etc. within the Ministry's remit;

(f) Drawing up of contracts and/or agreements with third parties in connection with the development of major projects by third parties;

(g) Any other duties that may be assigned by the Head Projects Development and Co-ordination Unit and the Permanent Secretary, Ministry for Urban Development and Roads.

6. Applicants must be:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(v) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(vi) (a) ikollhom il-*Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta kif ukoll ikollhom mill-anqas ħames (5) snin prattika legali wara li jkunu ħadu l-*Warrant;*

JEW

(b) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li ilhom mill-anqas tliet (3) snin fil-grad sustantiv ta' Uffiċjal Legali;

(vii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP47) filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

7. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li jkollhom lawrja oħra, *diploma* ta' wara l-gradwazzjoni jew kwalifika akkademika oħra ta' wara l-gradwazzjoni ekwivalenti f'materji Ewropej.

8.1 Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413) anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għal dan

(i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided that they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(v) able to communicate in the Maltese and English languages;

(vi) (a) in possession of the Warrant to practise the profession of Advocate in Malta and have at least five (5) years legal practice after obtaining the Warrant;

OR

(b) Public Officers holding the substantive grade of Legal Officer in the Malta Public Service who have at least three (3) years service in the grade;

(vii) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Gvern Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta sa mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007 jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Local Government.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Local Government, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta.

12. Applications, together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Local Government, at the Department of Local Government, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach

ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356-21243586).

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali jibgħat iċċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Mejju, 2007

the Director of Local Government at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356-21243586).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Local Government and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Local Government within seven (7) days from the receipt of application.

18th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Junior Veterinary Officer/Veterinary Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Junior Veterinary Officer/Veterinary Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Is-salarju ta' *Junior Veterinary Officer* huwa ta' Lm6,135 (€14,290.71) fis-sena, li jiżdied b'Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16,974.14) (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Junior Veterinary Officer* titla' fil-grad ta' *Veterinary Officer* fi Skala 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)) wara sentejn (2) servizz fil-grad jekk (a) ikollha l-*Warrant* biex tipprattika bħala Kirurgu Veterinarju u (b) tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna magħżula li jkollha mill-inqas sentejn (2) ta' prattika ppruvata wara li tkun kisbet il-*Warrant* ta' Kirurgu Veterinarju tinħatar *Veterinary Officer* fi Skala ta' Salarju 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)).

2.4 Persuna fil-grad ta' *Veterinary Officer* titla' għal Skala ta' Salarju 7 (Lm6,948 (€16,184.94) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07)) wara disa' (9) snin ta' prattika professjonali wara l-kisba tal-*Warrant*, liema perjodu jitnaqqas għal seba' (7) snin jekk il-persuna jkollha kwalifika *postgraduate* approvata.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Junior Veterinary Officer/Veterinary Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the posts of Junior Veterinary Officer/Veterinary Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The salary for the post of Junior Veterinary Officer is Lm6,135 (€14,290.71) per annum, rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) (Salary Scale 9).

2.2 Subject to (a) being in possession of a Warrant to practice as Veterinary Surgeon and (b) satisfactory performance, a Junior Veterinary Officer will be promoted to Veterinary Officer in Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)) on completion of two years service in the grade.

2.3 A selected applicant in possession of a Warrant to practice as Veterinary Surgeon and who has not less than two years professional practice after obtaining Warrant will be appointed Veterinary Officer in Salary Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53)).

2.4 A Veterinary Officer will progress to Salary Scale 7 (Lm6,948 (€16184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07)), subject to satisfactory performance, on completion of at least nine (9) years professional practice after obtaining Warrant, provided that the nine years qualifying period will be reduced to seven (7) years in the case of Veterinary Officers in possession of an approved post-graduate qualification.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Rural u l-Ambent, b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. L-applikanti għandhom ikunu:-

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(d) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) ikollhom *degree* rikonoxxuta, jew kwalifika kumparabbli, xierqa u rikonoxxuta, fil-Mediċina u Kirurġija Veterinarja aċċettabbli għall-Kunsill Malti tal-Kirurġija Veterinarja; jew

(b) ikollhom liċenza biex jeżerċitaw il-professjoni tal-Mediċina u Kirurġija Veterinarja f'Malta;

(iv) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

5.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand persuni li jkunu se jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu 4 (iii) fil-2007 u li diġà jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' paragrafi 4(i), (ii) u (iv).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Rural Affairs and the Environment in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Applicants must be:-

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union member state; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

(The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.)

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of a recognized degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, in Veterinary Medicine and Surgery acceptable to the Malta Veterinary Surgeons' Council; or

(b) in possession of a licence to practice the profession of Veterinary Medicine and Surgery in Malta;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.1 Applications will also be received from candidates who will be satisfying the requirements stipulated in paragraph 4 (iii) in the year 2007 provided they already satisfy the requirements stated in paragraphs 4 (i), (ii) and (iv).

5.2 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.1 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 4. Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu paragrafu 5.1 isiru eliġibbli għall-ħatra biss meta jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' paragrafu 4 (iii) u sakemm ikun għad baqa' vakanzi.

5.2 Successful applicants under paragraph 5.1 will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 4. Successful applicants under paragraph 5.1 will only become eligible for appointment when they fully satisfy the provisions of paragraph 4 (iii), and provided vacancies are available.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7.1 Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a Selection Board to assess their suitability for the post.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of

kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adatti għal dan il-post.

10. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Taqsima tar-Riżorsi Umani, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Ġunju 2007.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment tas-Servizzi Korprorattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 22991162.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Mejju, 2007

qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the posts.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

11. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, by not later than noon of Friday, 8th June 2007.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 8th June 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 22991162.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, within seven (7) days.

18th May, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn l-iskejjel:

Skola Sekondarja tal-Bniet Maria Assumpta, Triq Farsons, il-Ħamrun

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.99 (€4.64) għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'Sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following Schools:

Maria Assumpta Girl's Secondary School, Triq Farsons, Ħamrun

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.99 (€4.64) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:–

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jafu dak meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti;

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni. L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess biex jiġi verifikat fil-ħin ta' l-intervista).

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Ġunju, 2007.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta saddata ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-18 ta' Mejju, 2007

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 8th June, 2007.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

18th May, 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fit-Teorija u Prattika tad-Traduzzjoni (Speċjalizzazzjoni fil-Malti) (Dipartiment ta' l-Istudji tad-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni)

L-Università ta' Malta tilqa' applikazzjonijiet għall-post fit-teorija u l-prattika tad-Traduzzjoni. Min jinħatar ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment ta' l-Istudji tat-Traduzzjoni u ta' l-Interpretazzjoni fil-Fakultà ta' l-Arti u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. L-applikanti għandu jkollhom kwalifiki adatti fl-Ilsien Malti u jridu juru li għandhom esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni. Min jinħatar irid jgħallem it-Teorija u l-Prattika tat-Traduzzjoni u suġġetti oħra relatati mat-

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Theory and Practice of Translation (Specialisation Maltese) (Department of Translation and Interpreting Studies)

The University of Malta invites applications for the post of The appointee will be expected to participate in the teaching, research and other activities of the Department of Translation and Interpreting Studies in the Faculty of Arts, and as may be required by the University.

2. Applicants are expected to be already in possession of suitable qualifications in Maltese and must show that they have experience in the Translation sector. The appointee will be required to teach Theory and Practice of Translation and other

traduzzjoni ta' testi mill-Ingliż għall-Malti fil-livelli kollha lill-istudenti tad-Dipartiment.Tiġi kkunsidrata esperjenza ta' tagħlim fit-tielet livell. Min jinħatar ikun mistenni wkoll li jagħti kontribut għall-iżvilupp tar-riċerka fid-dipartiment.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li l-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat Lm11,383 (€26,515)

Lettur Anzjan Lm10,379 (€24,177)

Lettur Lm8,744 (€20,368) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm9,344 (€21,766)

Assistent Lettur Lm8,007 (€18,651) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,607 (€20,049)

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* f'dan l-indirizz:-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
L-Imsida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-18 ta'Mejju 2007

topics related to the translation of texts from English into Maltese at all levels to students within the Department. Teaching experience at tertiary level will be taken into consideration. The appointee will also be expected to contribute substantially to the development of departmental research.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor Lm11,383 (€26,515)

Senior Lecturer Lm10,379 (€24,177)

Lecturer Lm8,744 (€20,368) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm9,344 (€21,766)

Assistant Lecturer Lm8,007 (€18,651) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,607 (€20,049).

4. Applicants should submit their letter of application, six copies of their *curriculum vitae*, one set of copies of their certificates, and names and addresses of three referees to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon Monday, 4th June 2007.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

18th May, 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistent Riċerkatur
Fp6 Project Include-Ed

L-Università ta' Malta tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistent Riċerkatur *Fp6 Project Include-Ed* biex jaħdem fuq bażi *full-time* mal-programm *Primary Science*, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni Primarja fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, biex jaħdem fuq il-proġett FP6 INCLUDE-ED li jiffoka fuq l-Edukazzjoni u Koeżjoni Soċjali, u kif ikun meħtieġ mill-Università. Dan il-post huwa inizjalment għal perjodu ta' sena li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra ta' sena, sakemm dawn il-perjodi ma jaqbżux tliet snin.

2. L-applikanti jridu jkollhom kwalifiki akkademiċi relevanti fl-edukazzjoni u xjenzi soċjali u preferibbilment esperjenza fir-riċerka u t-teknika. Dawk il-kandidati li għandhom il-Masters jiġu preferuti.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm6,871 (€16,005(b'żidiet fis-sena ta' Lm200 (€466) fis-sena sa massimu ta' Lm7,871 (€18,334). Il-bidu tas-salarju fl-iskala jiġi ddeterminat skond il-kwalifiki u l-esperjenza tal-kandidat.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* f'dan l-indirizz:–

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
L-Università ta' Malta
l-Issida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-18 ta'Mejju 2007

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Research Assistant
Fp6 Project Include-Ed

The University of Malta invites applications fo the ost of Research Assistant Fp6 Project Include-Ed. A Research Assistant is required to work on a full-time basis with the Primary Science Programme, Department of Primary Education in the Faculty of Education, to work on the FP6 project INCLUDE-ED focusing on the Social Cohesion and Education, and as may be required by the University. This post is for an initial period of one year renewable for further periods of one year, provided such periods shall not exceed three years.

2. Applicants should have relevant academic qualification in education or social sciences and preferably research and technical experience. Candidates with a Masters qualification will be preferred.

3. The post carries an annual salary of Lm6,871 (€16,005) rising by annual increments of Lm200 (€466) up to a maximum of Lm7,871 (€18,334). The entry point within the scale will depend on the candidate's qualifications and experience.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their *curriculum vitae*, one set of copies of their certificates to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon of Monday, 4th June 2007.

Late applications will not be considered

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.em.edu.mt/hr/index2.html.

18th May 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fit-Teorija u Prattika tad-Traduzzjoni (Speċjalizzazzjoni Ingliż u Semjotika) (Dipartiment ta' l-Istudji ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni)

L-Università ta' Malta tilqa' applikazzjonijiet għall-post fit-teorija u prattika tad-tradizzjoni (Speċjalizzazzjoni fl-Ingliż u Semjotika). Min jinħatar ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment ta' l-Istudji tat-Traduzzjoni u ta' l-Interpretazzjoni fil-Fakultà ta' l-Arti u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. L-applikanti għandu jkollhom kwalifiki adatti fl-ilsien Ingliż u fis-Semjotika u jridu juru li għandhom esperjenza fil-qasam tat-traduzzjoni. Min jinħatar irid jgħallem it-Teorija u l-Prattika tat-Traduzzjoni u suġġetti oħra relatati mat-traduzzjoni ta' kitbiet mill-Malti għall-Ingliż fil-livelli kollha lill-istudenti tad-Dipartiment. Esperjenza ta' tagħlim f'livell terzjarju tiġi kkunsidrata. Min jinħatar ikun mistenni li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-iżvilupp ta' riċerka dipartimentali.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li il-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat Lm11,383 (€26,515)
Lettur Anzjan Lm10,379 (€24177)
Lettur Lm8,744 (€20,368) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm9,344 (€21,766)
Assistent Lettur Lm8,007 (€18,651) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,607 (€20,049)

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* f'dan l-indirizz:–

Uffiċċju tar-Riżorzi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
Università ta' Malta
l-Imsida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2007.

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Theory and Practice of Translation (Specialisation English and Semiotics) (Department of Translation and Interpreting Studies)

The University of Malta invites applications for the post in Theory and Practice of Translation (Specialisation in English and Semiotics) (Department of Translation and Interpreting Studies). The appointee will be expected to participate in the teaching, research and other activities of the Department of Translation and Interpreting Studies in the Faculty of Arts, and as may be required by the University.

2. Applicants are expected to be already in possession of suitable qualifications in English and Semiotics and must show that they have experience in the translation sector. The appointee will be required to teach Theory and Practice of Translation and other topics related to the translation of texts from Maltese into English at all levels to students within the Department. Teaching experience at tertiary level will be taken into consideration. The appointee will also be expected to contribute substantially to the development of departmental research.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor Lm11383 (€26,515)
Senior Lecturer Lm10,379 (€24,177)
Lecturer Lm8,744 (€20,368) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm9,344 (€21,766)
Assistant Lecturer Lm8,007 (€18,651) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,607 (€20,049).

4. Applicants should submit their letter of application, six copies of their *curriculum vitae*, one set of copies of their certificates, and names and addresses of three referees to:–

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon Monday, 4th June 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

It-18 ta' Mejju 2007

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.em.edu.mt/hr/index2.html.

18th May 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku fil-Fiżika

L-Università ta' Malta tilqa' applikazzjonijiet għall-post akkademiku fil-Fiżika. Min jinħatar ikun mitlub jieħu sehem fit-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni akkademika relatata u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Fiżika fil-qasam flimkien ma' xoħol ieħor, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

